9 ta' Frar, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Farmaċista Nicola Spiteri et. *versus* Vincenza Zarb (*)**

## Lokazzjoni — Danni — Inċendju — Prova — Art. 1651 u 1652 tal-Kodiċi Ċivili.

*Meta jissuċċiedi ħruq fil-fond lokat, il-preżunzjoni hija li l-kondutttur tal-fond huwa responsabili għal dak l-inċendju u għad-danni konsegwenzjali; u għalhekk fuqu taqa' l-prova li l-ħruq sar mingħajr ħtija tiegħu jew tal-persuni li għalihom huwa tenut jirrispondi skond il-liġi.*

*Imma l-kondutttur li ma jasalx biex jagħmel il-prova fuq imsemmija ma huwiex responsabili għad-danni li jiġru fil-fondi adjaċenti għal dak fejn sar il-ħruq u minħabba dak il-ħruq, jekk dawk il-fondi adjaċenti ma jkunux ukoll mikrija lil dak il-kondutttur. F'dan it-tieni każ il-prova taqa' fuq is-sid tal-fond adjaċenti; jiġifieri illi f'dan it-tieni każ, biex il-kondutttur tal-fond fejn sar il-ħruq ikun responsabili għad-danni li saru fil-fondi adjaċenti, sid il-fondi adjaċenti jrid jipprova huwa li l-ħruq sar bi ħtija tal-kondutttur.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi talbu li, billi fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Lulju 1950 sar inċendju fil-garage Ħal Qormi, Bishop Scicluna Street, bla numru, msejjaħ

(*) Ara sentenza ulterjuri Prim'Awla 9. 6. '51 (publikata).

"Beirut", ta' proprjetà ta' l-instanti u mikri lill-konvenuta, u ġiet kaġunata ħsara konsiderevoli lill-istess garage u liż-żewġ garagijiet kontigwi, li huma wkoll proprjetà ta' l-instanti; u billi ta' l-istess inċendju hija responsabili l-konvenuta jew id-dipendenti tagħha, illi għalihom il-konvenuta hija responsabili quddiem l-instanti skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-lokazzjoni; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, il-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-instanti l-imsemmija danni, illi jiġu likwidati f'dana l-istess ġudizzju. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Lulju 1950;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża u mill-provi jirriżulta paċifikament li mal-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Lulju 1950 sar inċendju fil-fond Ħal Qormi, Bishop Scicluna Street, bla numru, magħruf bħala "Beirut", li huwa garage ta' proprjetà ta' l-atturi, u li kien mikri għand il-konvenuta Vincenza armla Zarb. Fl-att taċ-ċitazzjoni jingħad ukoll li b'dak l-inċendju ġew ukoll danneġġjati żewġ garagijiet oħra kontigwi għal dak fejn sar il-ħruq, ta' proprjetà wkoll ta' l-atturi. Jirriżulta wkoll illi l-konvenuta ilha żżomm in lokazzjoni l-fond imsemmi, fejn sar il-ħruq, minn xi ħmistax-il sena 'l-hawn, u hija tinsab rikonoxxuta bħala inkwilina, għalkemm, meta sar l-aċċident kienu qegħdin jagħmlu użu minnu, sabiex jiggaraxxjaw fih vejikoli, ir-raġel tat-tifla tal-konvenuta, li għandu char-a-banc fuq il-linja ta' Kalafrana, u ċertu George Magri, li kellu truck tax-xogħol bħala burdnar. Jingħad ukoll li jumejn qabel ma sar l-inċendju, il-bieb tal-garage in kwistjoni kien ġie, skond il-konvenuta, mibdul u sostitwit b'wieħed tal-ħadid; mentri, skond l-atturi, ġie biss riparat l-antik li kellu żewġ twieqi żgħar fiż-żewġ biben. Dawn it-twieqi għandhom disinn, jew huma iggradiljati b'disinn tal-ħadid; imma ma għandhomx kontraporti. Il-linea tal-qiegħ tal-bieb, jew battent tal-bieb tal-garage, ma kienetx, skond ix-xhieda tal-konvenuta, tagħlaq il-vojt kollu ta l-apertura ħarranija, u kien hemm spazju żgħir bejn il-qiegħ tal-bieb u l-art, jew il-għatba tal-garage; imma waqt l-aċċess deher li dina l-affermazzjoni ma tidherx li kienet eżatta. Is-

sol tal-garage kien għadu ma sarx skond il-konvenuta u x-xhieda tagħha; mentri skond l-atturi ebda sol ma kellu jsir;

Ikkunsidrat;

Illi in tema legali jingħad li, skond l-art. 1651 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta (art. 1815 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 u art. 57 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1857), għandha saħħa l-preżunzjoni li l-konduttur huwa responsabili ta' l-inċendju jew ħruq. Huwa minnu li l-interpreti tad-Dritt Ruman kienu diviżi dwar il-kwistjoni ta' min kellu jagħmel dik il-prova; il-għaliex x'uħud kienu jirritjenu li l-lokatur kellu jipprova n-negliġenza tal-konduttur, mentri x'uħud oħra kienu jaħsbu li kien il-konduttur li kellu jipprova li huwa uża d-diliġenza li solitament għandha tiġi pratikata. Imma l-leġislatur tagħna, fuq il-liġijiet 11 § 2 "locati et conducti", u 23 Digesto "de regulis juris", u fl-aħħarnett fuq il-liġi 28 Kodiċi "de locato et conducto", stabbilixxa li huwa l-konduttur il-persuna responsabili, ammenokkè ma jippruvax dak li jingħad fl-istess artikolu 1651 fuq ċitat;

Tabilħaqq, għamel tajjeb il-leġislatur tagħna li għażel dik it-triq; il-għaliex huwa gravi l-perikolu li għaliha l-ħaġa tal-lokatur tibqa' esposta kieku ma kienx hekk, meta jiġi kunsidrat li l-indaġini tkun tirraġġira ruħha fuq il-vera kawża tal-ħruq, li tikkonsisti fil-fatt li huwa ma jistax jilqa' minn qabel jew jipprevjeni, u ħafna drabi, anki wara li jkun issuċċieda, ma jistax jiskopri l-oriġini tiegħu, meta skond il-liġi rumana, bażata fuq l-esperjenza tal-ħajja ordinarja, jivviġi l-prinċipju proklamat minn Paulus, fis-sens li "Incendium fit plerumque culpa inhabitantium" (ara L. 3 § 1. Dig. de officio praefecti vigilum);

Jekk però l-leġislatur tagħna segwa dina l-vija u ssanċixxa dina t-teorija, li l-ġustizzja u l-ekwità setgħu jakkonsentu għaliha u jissuġġerixxu, sabiex tiġi devjata r-raġuni komuni li min jallega d-dannu għandu jippruvah, kif ukoll għandu jipprova min hija l-persuna responsabili għalih, eppure l-istess leġislatur ma setax, u ċertament ma riedx, imur sal-pont li jissanċixxi wkoll li l-konduttur ikun assoġġettat għar-riżarċiment tad-dannu kawżat minn ħruq anki meta l-istess konduttur jipprova li dak l-inċendju jkun ġara mingħajr ebda ħtija

attribwibili għalih; u dana l-għaliex biss il-kondutttur ma jkunx jista' jew fil-pożizzjoni li jipprova (u xi mindaqqiet lanqas ma jista' jkun jaf) x'kien il-każ jew event fortuwitu li jkun ikkaġunah. Kien għalhekk li l-leġislatur tagħna fl-art. 1651 tal-Kodiċi Ċivili, fil-kawżi ta' l-eżenzjoni, żied dik li l-kondutttur jista' jipprova li l-ħruq ikun sar mingħajr ħtija tiegħu jew tal-persuni msemmija fl-art. 1652, u ċjoè tan-nies tal-familja tiegħu, jew mis-sefturi tiegħu, jew minn mistednin, jew sub-kerrejja tiegħu; għad-differenza ta' l-art. 1733 tal-Kodiċi ta' Napuljun, li huwa aktar ċirkoskritt dwar il-mezzi ġustifikativi sabiex il-preżunzjoni ta' l-art. 1651 tiġi bi preżunzjoni kuntrarja mwaqqa'. Del resto, hija ħruxija żejda li jiġi pretiż mill-kondutttur grad ta' diliġenza akbar fil-kustodja tal-ħaġa mikrija minn dik li huwa jkun suppost li juża ordinarjament fil-ħaġa u dwar il-ħaġa tiegħu proprja. Ma hemmx bżonn jingħad li dina l-prova negattiva (skond il-kliem testwali tal-liġi, ċjoè "kemm il-darba ma jippruvax li tkun ġrat mingħajr ħtija tiegħu eċċ.") tirsolvi ruħha fil-prova pożitiva li huwa fil-fatt adopera l-viġilanza u l-attenzjoni li kull "bonus pater familias" solitament u ordinarjament juża fil-kustodja u konservazzjoni tal-ħwejjeġ tiegħu. U l-istess ħaġa jingħad dwar is-subkondutturi tiegħu u l-persuni l-oħra minnu mdaħħla fil-post imsemmi u menzjonati mill-liġi;

Illi dik il-prova tista' titnissel tant mill-miktub kemm mill-provi orali, sew mill-provi peritali, kif ukoll mill-preżunzjonijiet u l-indizji u ċirkustanzi;

Ikkunsidrat;

Illi mhux ozjuż li jingħad li l-preżunzjoni tal-ħtija dwar il-ħruq, u konsegwenti riversament tal-prova maħsuba fl-art. 1651 tal-Kodiċi Ċivili, li hija devjazzjoni tar-regola komuni mill-prinċipju li "culpae non praesumuntur", ma toperax meta l-awtur tad-dannu ma jkunx obligat versu l-attur minħabba u skond kuntratt, jew in forza ta' kważi-kuntratt; il-għaliex f'dina l-ipotesi (ta' nuqqas ta' obligazzjoni naxxenti minn kuntratt jew kważi-kuntratt) jidħlu in operazzjoni r-regoli komuni l-oħra sanċiti mill-aforismi legali "affirmanti incumbit probatio" (De Regulis Juris), "actore non probante, qui convenitur, etsi nihil ipse praestet, obtinebit" (L. 14 de edendo 2. 1), u r-regola ta' Gaius kontenuta fil-liġi 42 "de Regulis Juris",

li huma l-prinċipji regolanti l-prova tal-"culpa" dovuta għad-*delitt jew kważi-delitt*. Din l-ineffiċjenza tinsab radikata u hija fondata fil-prinċipji ġenerali tad-dritt; il-għaliex fejn ma hemmx kuntratt ta' lokazzjoni (jew kważi-kuntratt), ma jistax ikun hemm obligazzjoni konkomitanti tar-restituzzjoni tal-ħaġa li tkun ġiet kunsinnata u riċevuta. Għandu jingħad, hawn, li sa ċertu punt anki fil-kawża preżenti l-atturi tal-lum huma teknikament konfrontati b'dik l-ineffiċjenza ta' dik l-istess regola, u dana in partikulari u in relazzjoni għall-fondi ta' proprjetà tagħhom l-oħra li huma adjaċenti għal dak li huwa mikri għand il-konvenuta u fejn sar il-ħruq. Tabilħaqq, stabbilit il-fatt li l-ħruq ġie kommunikat lill-fondi adjaċenti mill-fond mikri għand il-konvenuta—liema fatt pruvat jista' jservi bħala eżenzjoni biss għall-kondutturi tal-fondi adjaċenti skond l-art. 1651 tal-Kodiċi Ċivili—jekk il-konvenuta, dwar il-fond lokat għandha u fejn sar il-ħruq, ma tissoddisfax dak li tgħid il-liġi sabiex tkun eżentata, hija ċertament u indubbjament, dwar il-fond mikri għandha, tkun ritenuta responsabili; iżda qatt ma tista' tkun responsabili għad-dannu tal-fondi adjaċenti fuq dak in-nuqqas ta' prova soddisfaċenti. Il-għaliex di fronti għal dawn l-aħħar fondi msemmija, il-presunzjoni ta' l-art. 1651 ma sseħħx, minħabba li *ma jkunx jippreeżisti* ebda rapport ġuridiku bejn is-sid u l-kerrej, u l-prova tal-"culpa", dwar l-istess fondi viċini, hija mħollija, skond irregoli komuni li jkunu allura jipprevalu, fuq l-atturi;

Illi r-raġuni ġuridika u loġika ta' dan, barra mill-fatt tar-rapport ġuridiku li jkun interċeda kif intqal fuq, tirrisjedi wkoll fil-konsiderazzjoni li bejn in-nuqqas jew insuffiċjenza *tal-prova tal-persuna li għandha tagħmilha (fil-każ* in diskussjoni l-konvenuta), fis-sens li tissoddisfa l-voti tal-liġi li l-ħruq ikun sar bla ħtija tagħha u tal-persuni dipendenti minnha, u l-kolpa effettiva ta' dawk l-istess nies, hemm differenza profonda, bħal ma tinsab differenza ċara, netta u assoluta, bejn iż-żewġ rapporti ġuridiċi a bażi taż-żewġ ipotesijiet kontemplati. Jingħad kwindi, li, non ostanti illi fil-fatt ma *jidherx li hemm kwistjoni li l-ħruq lamentat* ġie kommunikat mill-fond detenut mill-konvenuta lill-fondi l-oħra adjaċenti, u lanqas jista' jkun hemm kwistjoni fuq hekk, di fronti għall-provi f'dana s-sens magħmula mill-atturi, li ma

ġewx kontestati mill-konvenuta, jibqa' però dejjem minnu li mentri dwar il-fond detenut mill-konvenuta din l-aħħar imsemmija trid tagħmel il-provi ndikati u elenkati fl-art. 1651 tal-Kodiċi Ċivili, jew waħda minnhom, għall-finijiet ta' l-eżenzjoni, dwar id-danni mill-ħruq arrekati lill-fondi adjaċenti l-prova tal-ħtija jew "dolus", "si et quatenus", tal-konvenuta jew id-dipendenti minnha, trid issir, kif iridu r-regoli komuni, mill-atturi;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, għar-riżoluzzjoni ta' kawż, bħal dina preżenti, bil-fattispeċje tagħha, jistgħu jiġu figurativament bilanċjati, qisu fil-kefef ta' miżien, żewġ possibilitajiet, u ċjoè il-forza irreżistibili jew l-aċċident mill-banda l-waħda, u l-kolpa ta' l-inkwilin u d-dipendenti minnu mill-oħra, u liema minn dawn il-possibilitajiet tegħleb, għandha tipprevali jew waħda jew l-oħra mis-soluzzjonijiet;

Illi huwa minnu li, għalkemm ħafna mill-annotaturi u kommentaturi tal-Kodiċi Ċivili Franċiż (ara Touillier, Tomo XI numru 161; Zachariae, Tomo 3, paġina 13, nota 9 in fine; Duranton, Tomo XVII, para. 104; u Marcadè u Pont, komment għall-art. 1733, Vol. VIII, pag. 506 u ta wara; barra minn awturi oħra) huma tal-fehma li dak l-artikolu huwa ta' karattru restrittiv dwar il-mezzi ta' ġustifikazzjoni tal-kondottur fil-każ ta' responsabilità tiegħu li titnissel mill-ħruq, eppure fl-opinoni tat-Troplong (Locazione, para. 382), li huwa l-awtur ċitat bħala riferenza għall-artikolu tagħna 1315 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 minn Sir Adrian Dingli, jista' jingħad ma' dak l-awtur, dwar il-karattru ta' l-artikolu in kwistjoni, li "però non do a credere che questa proposizione (tal-karattru restrittiv dwar il-mezzi ta' ġustifikazzjoni fuq propunjata mill-awturi ċitati) manca di giustizia. A mio modo di vedere, non solo l'articolo 1732 non si oppone all'articolo 1733 (artikoli tal-Kodiċi Ċivili Franċiż), ma si connette a questo come il corollario della regola. Onde segue che debbasi ammettere qualsivoglia mezzo tendente a dimostrare in uno o in un altro modo che l'affittaiuolo non sia colpevole. Imperrocchè tale è lo scopo che si proponeva l'articolo 1733 quando fece uso di una enumerazione puramente enunciativa" (ara fl-istess sens Proudhon, Usufrutto, Vol. II, paragrafu 1552; Duver-

gier," Vol. I, paragrafu 437; u Dalloz, Repertoire. Vol. 45, 2, 172, fejn hemm ċitata s-sentenza ta' Rouen tas-16 ta' Jannar 1845, li għamlet stat fil-materja, barra minn oħrajn);

Illi minn dan jitnissel li in konsegwenza ta' l-opinjoni tat-Troplong u l-awturi franċiżi l-oħra li miegħu jaqblu, apparti l-ġurisprudenza, jista' jiġi ritenut li jkun adempjut il-ħsieb ta' l-art. 1733 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, sew jekk il-konduttur jipprova l-forza maġġuri, sew jekk jissostanzja l-vizzju tal-kostruzzjoni, sew jekk jaċċerta bil-provi li n-nar ġie kommunikat mill-fond viċin, kemm ukoll jekk l-istess konduttur ma jippruvax dawk il-kawżi ta' eżenzjonijiet il-għaliex *ma jkunx jaf x'kienet fil-fatt il-kawża ta' l-inċendju u jipprova* biss li huwa u dawk minnu dipendenti, li dwarhom skond il-liġi huwa responsabili, ma humiex l-awturi tal-ħruq, billi juri fil-fatt u provi li huwa u huma ma għandhomx ħtija; in-kwantokkè huwa paċifiku fid-dottrina "in subjecta materia" li mhux ta' importanza li tkun taf il-kawża vera tal-ħruq, purkè tkun taf li l-konduttur ma kellu ebda ħtija dwar l-inċendju;

Illi minn dan jiddixxendi loġikament ukoll li mhux sar il-ħsieb ta' dawk li jgħidu li l-artikolu tagħna in kwistjoni jimporta biss li l-kerrej jista' limitatament juri illi l-inċendju sar mingħajr ħtija tiegħu, jekk u in kwantu jipprova jew il-każ fortuwitu, jew il-forza irresistibili, jew il-vizzju ta' kostruzzjoni; il-għaliex il-kelmiet "jew" fit-test malti, u "or" fit-test ingliż, li jisseparaw l-eżenzjonijiet elenkati, juri biċ-ċar li dawk l-eżenzjonijiet huma ndipendenti minn xulxin, u l-prova ta' waħda hija, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, suffiċjenti sabiex ikun adempjut il-vot tal-liġi għar-riżultament ta' l-eżenzjoni, li għaliha huma preordinati. Dik l-elenkazzjoni ta' l-eżenzjonijiet *li jservu bħala indikazzjoni ma għandhiex tiġi ngustament* meħuda bħala restrizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi jingħad ukoll li, jekk skond il-liġi franċiża, fejn innuqqas tal-ħtija tal-konduttur dwar l-inċendju għall-finijiet ta' l-eżenzjoni mill-ħsara mhix imsemmija, l-opinjoni ta' l-awtur preferit mill-leġislatur tagħna hija dik li fuq intqalet, huwa loġiku, leġittimu u naturali, tippresupponi li dak l-istess leġislatur ried jafferma dik l-istess opinjoni meta fid-dispost tal-liġi tagħna appona dik l-eżenzjoni espressament bħala waħ-

da mill-mezzi ġustifikattivi sabiex konduttur ikun liberat mid-dannu provenjenti mill-aċċident lamentat u kontemplat. Anki fil-Liġi Taljana l-konduttur ahux tenut, sabiex jiġi meħlus mir-responsabilità, jipprova limitatament li dak li ġara jkun sar minħabba l-forza irresistibili, jew l-event fortuwitu jew għad-difett fil-kostruzzjoni, jew li n-nar ġie kommunikat minn fond viċin, imma jista' jagħmel kwalunkwe prova oħra li tkun effikaċi sabiex teskludi l-ħtija mill-parti tiegħu; imma l-aħjar prova hija ekwiparata għal dik li l-ġurekonsulti franċiżi jappellaw u jsejħu l-prova negativa, kif hija, fil-ħsieb tal-Qorti, anki konċepita, kif intqal fuq, mill-leġislatur tagħna fl-art. 1651 tal-Kodiċi Ċivili (ara Pacifici Mazzoni, Della Locazione, paragrafo 140, paġ. 254, Cammelli, Firenze 1912);

Illi, del resto, l-istess teorija liberali ġiet applikata mill-Qrati Tagħna fis-sentenza ta' dina l-Qorti fid-19 ta' Marzu 1879, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Frar 1889, in re "Maria Ellul vs. Negoziante Raffaele Cassar" (Vol. VIII, paġ. 732 u ta' wara, u paġina 916), u fis-sentenza ta' dina l-Qorti tal-10 ta' Marzu 1870 in re "Negoziante Dr. Michele Briffa vs. Negoziante Antonio Despott" (Vol. V, paġ. 336 u ta' wara);

Ikkunsidrat:

Illi, wara li ġew premessi dawna l-prinċipji, dina l-Qorti sejra tirrelata l-fattijiet aċċertati:

1. Il-post fejn sar il-ħruq ġie mikri bħala garage.........;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi għalkemm il-vera kawża tal-ħruq ma ġietx stabbilita, u baqgħet per konsegwenza njota, eppure jista' jingħad li miċ-ċirkustanzi kollha huwa stabbilit li l-ħruq sar fil-parti esterna tal-garage fejn kien hemm iggaraxxjat ix-char-a-banc ta' Xuereb..............;

Illi lokalizzat il-post fejn sar il-ħruq fil-garage in kwistjoni, dina l-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-provi prodotti mill-konvenuta għall-finijiet ta' l-eżenzjoni skond il-preżunzjoni ta' l-art. 1651 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi mill-eżami tal-provi jidher li l-konvenuta llimitat ruħha virtwalment għall-provi li l-ħruq sar mingħajr ħtija tagħha jew tal-persuni msemmija fl-art. 1652 tal-Kodiċi Ċivili; il-

għaliex dwar il-provi ta' l-aċċident, forza maġġuri, difett fil-bini, ma ġiebet xejn, u dwar li l-ħruq ġie kommunikat minn bini viċin, kif fuq intqal, lanqas ma setgħet iġġib provi, il-għaliex ma hemmx dubju li l-inċendju żviluppa fil-fond tagħha. Għall-finijiet fuq espressi ġew avanzati diversi possibilitajiet, iżda mhux biżżejjed li jkun hemm possibilità bla provi. Tabilħaqq, intqal mix-xhieda tal-konvenuta li xi ħadd seta' tefa' landa tal-petrol mit-twieqi tal-bieb tal-ħadid u taħa n-nar; imma, apparti li dak il-fatt kien ikun doluż, u l-konvenuta u d-dipendenti legalment minnha ma ppruvawx li kien hemm xi ħadd jew xi għadu tagħhom li kellu raġuni biex jagħmel hekk, ebda persuna ma ġie ppruvat li kienet, jew li xi ħadd raħa, wara l-bieb tal-garage wara li għalqu Xuereb, fit-triq li ma jistax jingħad li mhix frekwentata;

Intqal ukoll li setgħet intefgħet xi ħaġa mqabbda minn bejn ix-xifer tal-battent u s-sol; imma fin-nuqqas ta' provi li kien hemm wara dak il-bieb xi persuna tpejjep, dina l-possibilità titlef il-valur tagħha;

Għandha wkoll tiġi skartata l-possibilità li l-bieb tal-ħadid in kwistjoni seta' ġie f'xi kuntatt ma' xi wire ta' l-elettriku u għamel dak li kommunement jissejjaħ "earth", u b'hekk saħan u qabbad ix-char-a-banc; il-għaliex ebda prova ma saret f'dan is-sens. Huwa minnu li x-xhud Xuereb, li ma hemmx dubju li għandu daqsxejn interess, qal li huwa, meta ġie avżat bl-inċendju, mar fuq il-post, fetaħ il-bieba ħaddimija, u ra li x-char-a-banc kien għadu ma bediex jinħaraq, mentri l-bieb tal-ħadid tal-garage kien aħmar bin-nar (red-hot); imma dwar l-eżattezza ta' dawn iż-żewġ asserti hemm xi tgħid. Tabilħaqq..............:

Huwa minnu li min irid jeħles mir-responsabilità (an-nat f'każi bħal dan in diskussjoni ma jridx juri biċ-ċar u pożitivament xi tkun kienet il-kawża ta' l-aċċident, u huwa biżżejjed għalih li jipprova l-prekawzjonijiet li jkun ħa; imma huwa wkoll minnu li min ikun irid jipprova javvanza possibilitajiet bla bażi u provi, kif ukoll kuntrarji għall-fatti fiżiċi, ma jkunx jista' jirraġġungi l-iskop li jipperswadi lill-ġudikant minn dawk l-istess allegazzjonijiet, speċjalment meta jiġi kunsidrat li l-preżunzjoni tkun kontra tiegħu. L-induzzjoni li jista' jiġi għaliha l-Imħallef f'każi simili, meta jkun hemm pruvat li ftit

ħin qabel l-inċendju min irid jipprova li jkun eżentat ikun ġewwa l-post bid-dwal miftuħa, ħija ndubbjament dik li ordinarjament ikollha kors fil-ħajja ta' kuljum, speċjalment meta huma esklużi biċ-ċar l-eżenzjonijiet l-oħra. Dan in-nuqqas ta' soddisfaċenti prova dwar il-prekawzjoni, aggunt mal-fatt l-ieħor li ftit wara li l-garage gie magħluq sar in-nar, jirrafforza l-prova tan-nuqqasijiet tal-prekawzjoni u jafferma l-induzzjoni li vera u proprja prekawzjoni kif trid il-liġi ma kienx hemm;

Illi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, il-konvenuta per mezz tax-xhieda Xuereb u Attard ma ppruvatx li ttieħdu d-debiti prekawzjonijiet, kif ippruvat per mezz tax-xhud Magri, li jirriżulta li daħħal it-truck tiegħu fl-4 p.m., u sal-11 p.m., meta daħħal ix-char-a-banc Xuereb, ma kienx jidher li kien żviluppa xi nar f'dik ir-remissa;

Illi dana li ntqal, però, ma jirrendix lill-konvenuta responsabili għad-dannu tal-fondi adjaċenti; il-għaliex, kif intqal fuq, in-nuqqas ta' provi soddisfaċenti dwar il-prekawzjoni, jekk huwa validu għall-fond lokat lill-konvenuta, mhux validu dwar il-fondi adjaċenti, u dwar dawn l-aħħar fondi l-atturi ma ppruvaw xejn kontra tagħha, la "dolus" u lanqas "culpa", kif kellhom jagħmlu skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara l-konvenuta responsabili tal-ħruq imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni dwar il-fond "Beirut" biss, salvo li l-istess danni jiġu likwidati aktar tard wara li jgħaddi t-terminu ta' l-appell minn dina d-deċiżjoni, u fl-istess ħin teskludi lill-atturi mit-talba tagħhom dwar il-fondi adjaċenti;

L-ispejjeż, imħabba u stante ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, jingabru u jitħallsu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti; u tqiegħed il-kawża għall-ulterjuri trattazzjoni u deċiżjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni għat-28 ta' Frar, 1951, fid 9 a.m.

---